**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**It-22 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tnejn 22 ta' Settembru 2014 fil-5pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**

**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
4. **Finanzi**
5. **Aġġornament**

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-22 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 22 ta' Settembru 2014 fil-5 ta' wara nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tas-7:15 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi-Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatur | Justin Debattista |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Kunsillier | Daniel Farrugia |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. **QARI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Minuti tal-21 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

2. **KORRISPONDENZA**

2.1 Inqrat Memo 25/2014, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 25/2014 – Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2014-2015.**

2.2 Inqrat Memo 26/2014, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI: Memo 26/2014 – Infiq tal-Kunsilli Lokali.**

2.3 Inqrat Memo 20/2014, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Reminder* għal Memo 20/2014 – Kanali tal-Ilma *(Water Culverts).***

2.4 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena 2014.**

2.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI: GRASP Seminar (*Green Public Procurement*) – 9 u 10 ta' Settembru 2014.**

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Festa Familja – Maratona Ġbir ta' Fondi għal RISe**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Foundation – Il-Ħadd 28 ta' Settembru 2014.**

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Tagħrif meħtieġ mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali – għal xiex hu/hija responsabbli kull Kunsillier/a.**

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Invitation for Pre-Budget Public Consultation Meetings.***

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Commission on Domestic Violence's Leaflets.***

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Stedina għal Konferenza Stampa dwar il-*European Mobility Week***.

2.11 Inqrat korrispondenza mibgħuta bejn is-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali u Dr Ronald Cuschieri mill-*Environmental Landscapes Consortium Ltd.*, bit-titlu **Tħawwil ta' xitel tal-Oleander u Tamarisk.**

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Premju Addizzjonali għall-Kunsilli Lokali fil-parteċipazzjoni tan-*National Bike Ride* matul il-*European Mobility Week.***

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Pilot Project Performance Management and Indicators (18th and 19th September 2014).***

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Performance Indicators Pilot Project – To develop 3 Performance Indicators.***

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Każ Nru. 366/14 – Applowdjar ta' dokumenti fis-sit www.lc.gov.mt.**

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lokali, bit-titlu ***Questionnaire for LCs.***

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Public Sector Statistics in terms of Directive 7.***

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***IPSL Employees.***

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 25/2013 – Attivitajiet Kulturali.**

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Memo 25/2013: Cultural Activities May 2014.***

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Claire Gerada għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Publication of adverts icw tenders & quotations.***

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Deborah Pace bit-titlu **Laqgħat ta' Konsultazzjoni – Ambaxxaturi Lokali.**

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Thea Bugeja mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, bit-titlu **Konferenza – Effiċjenza fil-Ħidma tal-Gvern.**

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Alexander Cutajar, *Communications Coordinator* fis-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita' Attiva, bit-titlu **Invit – Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Justyne Caruana.**

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 50/2014 – Vjolenza Domestika.**

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Skema ta' *CCTV Cameras.***

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **SportsFest Reġjonali.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **SportsFest Reġjonali – 27.09.14.**

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu ***Valletta 2018 – Consultation Meeting.***

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terrence Camilleri, Segretarju Eżekuttiv tal-GAL Xlokk, bit-titlu **GAL Xlokk M421 TNC Festival.**

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terrence Camilleri, Segretarju Eżekuttiv tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***DG-AGRI Workshop study on young farmers – rescheduled.***

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur David Grech, *Charge Nurse NIS,* bit-titlu ***Seasonal Influenza Vaccine.***

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur David Grech, *Charge Nurse NIS,* bit-titlu ***Seasonal Influenza Vaccine Campaign.***

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Matthew Giordmaina, *Services Officer* mal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita', bit-titlu ***Request for Meeting between Qrendi Mayor and KNPD chairman.***

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Suzanne Gili, *Task Manager* fl-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal, bit-titlu ***Letter from the Commissioner for Children.***

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Grace Damato, *EU Funds Manager* fl-Aġenzija tal-Pagamaneti, bit-titlu ***Qrendi LC M125.***

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Grace Damato, *EU Funds Manager* fl-Aġenzija tal-Pagamaneti, bit-titlu ***Polidano Bros. Invoice No. 1306.***

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Saviour Ellul minn Transport Malta, bit-titlu **RWP3.**

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Saviour Ellul minn Transport Malta, bit-titlu

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

***Unauthorised Works at Qrendi.***

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Raymond Farrugia, Direttur Ġenerali fid-Dipartiment tax-Xogħolijiet u l-Infrastruttura, bit-titlu **Triq Rokku Buhagiar, Qrendi – *Decorative Lighting Spent Bulbs.***

2.40.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li din it-triq għadha taqa' taħt id-Dipartiment għax-Xogħolijiet u l-Infrastruttura minħabba li qatt ma ġiet devoluta lill-Kunsill Lokali.

2.40.2 Sostna li l-Kunsill Lokali m'għandux jidħol fi spejjeż żejda meta t-triq ma taqax taħt ir-responsabilita' tiegħu.

2.40.3 Is-Sindku David Schembri żied li min-naħa ta' dan id-Dipartiment qegħdin ukoll jgħidu xi ħaġa simili dwar Triq il-Panorama minħabba li qiegħed jintalab li din it-triq iddum aktar mixgħula bil-lejl.

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria J. Farrugia, *Education Officer* ma' WasteServ Malta Ltd., bit-titlu ***European Week for Waste Reduction – an opportunity to showcase your efforts!***

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Horace Portelli, *Library Officer* mal-Librerija Pubblika Ċentrali, bit-titlu ***Library closure notice.***

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Thomas Debono minn Transport Malta, bit-titlu ***DPN of Fiera in Qrendi.***

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-MEPA, bit-titlu ***Notification of Receipt of Fresh Plans – PA/02216/14.***

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Claudette Fenech, Segretarja fl-uffiċċju tad-Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet u l-Infrastruttura, bit-titlu ***Complaint* – Triq il-Ħniena, Qrendi.**

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro, *Waste Recycling Officer* ma' GreenPAK Coop Society Ltd., bit-titlu ***Delivery of green bags.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Philip Schembri, P.A. għaċ-Ċermen Eżekuttiv, bit-titlu ***BICC Courses.***

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Anton Zarb bit-titlu ***Benches.***

2.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Victoria Aquilina bit-titlu ***4H Voluntary Organisation.***

2.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Take2 Office bit-titlu ***Permits.***

2.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Dolly Seychell bit-titlu ***Talk re WE CARE services.***

2.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Valerie Farrugia mill-Kunsill Malti għall-Isport, bit-titlu ***Move Week.***

2.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Chantelle Vella mill-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu, bit-titlu ***Information required accessibility to disabled.***

2.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Kappillan Fr. Glen Buhagiar bit-titlu **Laqgħa mal-Kunsill Lokali.**

2.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Claudette Abela Baldacchino bit-titlu **Dawl fit-Triq bejn l-Imħallef Lofaro u Ħaġar Qim.**

2.55.1 Is-Sindku David Schembri qal li jekk kemm-il darba ssir bozza jew isiru bozoz f'din l-akwata, dawn irid jieħu ħsiebhom il-Kunsill Lokali.

2.55.2 Żied li fil-Qrendi hemm diversi żoni simili li jinsabu bla dawl għax jinsabu fil-parti rurali tal-lokalita'.

2.55.3 Kompla li fil-preżent il-Kunsill Lokali għandu quddiemu erbatax-il talba għal bozoz fil-periferija tar-raħal inkella fejn hemm l-għelieqi.

2.55.4 Sostna li jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali jaċċetta li jagħmel applikazzjoni għal din il-bozza, se jkun hemm diversi residenti li diġa' talbu għal bozza u għadha ma saritx li se jilmentaw aktar fuq hekk.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.55.5 Qal li l-ewwel preferenza għandha dejjem tingħata lil talbiet li jsiru għall-bozoz fiż-żona urbana.

2.55.6 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li bħala Kunsill Lokali għandna nibqgħu nżommu mad-deċiżjoni li ttieħdet ftit xhur ilu, dik li l-bozoz mitluba għaż-żona rurali jinżammu fuq *waiting list*.

2.55.7 Żied li ma tkunx idea ħażina jekk kemm-il darba nitkellmu mal-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu biex forsi din il-bozza jagħmluha huma minħabba li din iż-żona tagħmel mal-parti turistika tal-Qrendi.

2.56 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Mario Zerafa, Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija dwar toqob tal-arbli tal-festa fi Triq it-Tempesta.

2.56.1 Is-Sindku David Schembri qal li din l-ittra tolqot liż-żewġ Soċjetajiet Mużikali minħabba lit-tnejn li huma jużaw it-toqob li hemm fi Triq it-Tempesta.

2.56.2 Spjega kif fl-ittra hemm imsemmija wkoll it-toqob tan-nar tal-art li jintużaw biss mis-Soċjeta' Mużikali Santa Marija.

2.56.3 Żied li min-naħa tiegħu jipproponi li għandna naraw u nitolbu stima ta' kemm jiġu jiswew dawn il-*covers* sabiex jitgħattew dawn it-toqob.

2.56.4 Fl-aħħarnett qal li fuq it-toqob tan-nar tal-art, sabiex ikun hemm minnhom jiġu mwessgħin, se nkunu qegħdin nitkellmu mal-istess Soċjeta'.

2.57 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Roberta Caruana, Assistenta Segretarja tas-Soċjeta' Mużikali Lourdes, bit-titlu **Fiera tal-Madonna tal-Ħniena.**

2.58 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Salvinu Zammit bit-titlu ***Children's Library at the State School.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar l-iSportsFest Reġjonali organizzata mir-Reġjun tan-Bofsinhar nhar is-Sibt 27 ta’ Settembru 2014.

3.1.1 Qal li kull Kunsill Lokali fir-reġjun se jkun qiegħed jingħata *defibrillator* u dan irridu naraw fejn se npoġġuh.

3.1.2 Żied li din id-deċiżjoni tittieħed fil-laqgħat li ġejjin.

3.2 Is-Sindku tkellem dwar il-Ġirja – Qadfa – Mixja li se tkun organizzata b’risq id-Dar tal-Providenza.

3.2.1 Qal li din l-attivita’ se ssir nhar il-Ħadd 27 ta’ Settembru 2014 filgħodu.

3.2.2 Spjega kif se jkun hemm bżonn tal-għajnuna waqt il-ġirja li se tkun qiegħda tgħaddi mir-raħal tal-Qrendi.

3.3 Is-Sindku tkellem dwar id-DVD li qiegħed jinħadem bħala parti minn Miżura 313.

3.3.1 Qal li l-produzzjoni ta’ dan id-DVD miexja ġmielu u qegħdin noqorbu lejn l-aħħar stadji ta’ dan il-proġett.

3.4 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-ktieb fuq il-lokalita’ li mistenni jiġi ppubblikat taħt Miżura 313.

3.4.1 Qal li minn dak li għandna s’issa f’idejna ninsabu sodisfatti ħafna bil-prodott u l-materjal li fih dan il-ktieb.

3.4.2 Spjega kif dan il-ktieb jinkorpora fih dak li hu bażiku, u aktar iħares lejn il-Qrendi mill-perspettiva ta’ kif jidher mill-għajnejn tar-residenti stess.

3.5 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li se ssir m’uffiċjali ta’ Transport Malta dwar ir-rotot tat-trasport pubbliku fejn huma kkonċernati aktar it-turisti.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.6 Is-Sindku tkellem dwar is-seminar li l-Kunsill Lokali attenda dwar il-*Performance Indicators*.

3.6.1 Qal li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għal dan is-seminar ta' jumejn.

3.7 Is-Sindku tkellem dwar il-filming propost mill-kumpanija Take 2 tal-film *Limestone Cowboy*.

3.7.1 Qal li dan il-ġbid tal-film se jsir fl-ewwel jiem t'Ottubru.

3.8 Is-Sindku tkellem dwar il-bus xelter temporanju li se jiġi nstallat fi Triq Rokku Buhagiar.

3.8.1 Qal li qegħdin nistennew il-permessi mingħand Transport Malta sabiex ikun jista' jiġi nstallat dan il-bus xelter b'mod temporanju.

3.9 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret ma' Transport Malta dwar Triq il-Puniċi.

3.9.1 Spjega kif it-tender jinsab fi stadju t'evalwazzjoni u suppost fil-ġimgħat li ġejjin din it-triq għandha tinbena mill-ġdid.

3.9.2 Qal li kien hemm ukoll diskussjoni dwar Triq is-Siġġiewi u għalkemm ma konna mwegħdin xejn jidher li hemm diversi nies li jinsabu jaħdmu sabiex din it-triq fl-aħħar mill-aħħar terġa' tinbena mill-ġdid.

3.10 Is-Sindku tkellem dwar żewġ kwotazzjonijiet li rċevejna mingħand l-*Environmental Landscapes Consortium Ltd.*

3.10.1 Spjega s-sitwazzjoni preżenti fi Triq San Ġwakkin kif ukoll fi Triq Massabielle.

3.10.2 Qal li hemm diversi siġar li jew huma mejta jew inkella qegħdin jagħmlu ħsara fl-istruttura tat-triq.

3.10.3 Żied li l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali rċieva diversi lmenti mir-residenti ta' dawn

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

it-toroq li talbu sabiex dawn is-siġar jitneħħew.

3.10.4 Qal li l-kwotazzjonijiet li rċevejna mingħand l-ELC huma ta’ €590 u €531 rispettivament.

3.10.5 Is-Sindku kkummenta wkoll li bħala Kunsill Lokali diġa’ avżajna lill-MEPA bil-qlugħ ta’ dawn is-siġar sabiex inkunu ċerti li m’hemm bżonn l-ebda permessi partikolari u min-naħa tagħha l-MEPA qaltilna li m’għandna bżonn l-ebda permess speċjali.

3.10.6 Is-Sindku ppropona li għandna naċċettaw dawn il-kwotazzjonijiet sabiex ikun jista’ jsir ix-xogħol.

3.10.7 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma’ din il-proposta.

3.11 Is-Sindku tkellem dwar l-inzijattiva *Walk the Towers*.

3.11.1 Qal li din l-inzijattiva qed tkun organizzata mill-Ministeru tal-Onorevoli Chris Agius b’risq il-*Community Chest Fund.*

3.11.2 Spjega kif nhar is-Sibt 3 t’Ottubru min se jieħu sehem se jkun qiegħed jinżel f’Wied iż-Żurrieq.

3.11.3 Qal li tkun ideali jekk il-Kunsill Lokali jgħin din l-inizjattiva billi jipprepara *packed lunch* għall-parteċipanti.

3.11.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma’ din il-proposta.

3.12 Is-Sindku tkellem dwar it-tindif li sar fiż-żoni rurali tar-raħal sabiex jissebbaħ l-ambjent.

3.12.1 Qal li dan it-tindif tlesta u jidher li ġei tajjeb ħafna u kienu diversi l-persuni li kkummentaw pożittiv fuq dan it-tindif.

3.13 Is-Sindku tkellem dwar iż-żjara fil-*farm* tal-baqar, f’Tal-Virtu’, limiti tar-Rabat Malta.

3.13.1 Qal li permezz ta' din iż-żjara serraħ rasu dwar il-proposta li ħareġ biha l-Gvern Ċentrali, li jsiru l-*farms* tal-baqar fiż-żona ta' San Niklaw.

3.13.2 Spjega kif issa l-Kunsill Lokali jinsab f'pożizzjoni aktar komda dwar dawn il-*farms* għalkemm xorta waħda għadna rridu naraw il-pjanti proposti għal din iż-żona.

3.14 Is-Sindku tkellem dwar is-sitwazzjoni fi Triq it-Tempesta minn k/ma' Triq il-Warda sa k/ma' Triq l-Anġovini.

3.14.1 Qal li f'din il-parti tat-triq hemm problema bis-sistema tad-drenaġġ u nstab li wieħed mill-arbli tad-dawl għaddej eżatt minn ġos-sistema tad-drenaġġ.

3.14.2 Dan qiegħed iwassal biex ikun hemm diversi imblokki tad-drenaġġ u din qed tkun ta' inkonvenjent għar-residenti.

3.14.3 Spjega kif il-Water Services Corporation qegħdin jitolbu li f'din il-parti tat-triq l-arbli tad-dawl jiċċaqqilqu u jittieħdu fuq in-naħa l-oħra tal-istess triq.

3.14.4 Żied li l-Kunsill Lokali ma sab l-ebda oġġezzjoni li jsir dan iċ-ċaqliq.

3.15 Is-Sindku tkellem dwar l-esperjenza li xi nies mill-Qrendi se jkun qegħdin jagħmlu f'Rovigo, fil-provinċja ta' Veneto l-Italja flimkien ma' nies oħra permezz ta' fondi mill-GAL Xlokk.

3.15.1 Qal li din il-mawra se tkun dwar dieta mediterranja u mill-Qrendi se jkunu qegħdin jieħdu sehem ħames persuni.

3.16 Is-Sindku tkellem dwar il-korsijiet tal-*Lifelong Learning.*

3.16.1 Qal li dwar dawn il-korsijiet jinsab kuntent fuq ċertu korsijiet minnhom filwaqt li fuq oħrajn jinsab diżappuntat.

3.16.2 Spjega kif għall-kors tal-piroteknika m'applika ħadd filwaqt li għall-kors tal-parċmina applikaw biss żewġ persuni.

3.16.3 Min-naħa l-oħra qal li kien hemm konkorrenza tajba għall-kors tal-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Monasteru, li għalih applikaw tnax-il persuna filwaqt li għall-kors tal-Bizzilla applikaw disgħa.

3.17 Is-Sindku tkellem dwar l-*After School Programme* u qal li l-Kunsill Lokali applika sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jibqgħu wara l-ħin tal-iskola u jagħmlu l-eżerċizzji, filwaqt li applikajna wkoll għall-*aerobics*.

3.17.1 Qal li dawn iż-żewġ korsijiet ġew offruti min-naħa tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u se jkunu mingħajr ħlas għar-residenti.

3.17.2 Is-Sindku tkellem dwar il-bżonn li fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali jkun installat *air conditioner* ġdid.

3.17.3 Qal li l-Kunsill Lokali ġabar tlett kwotazzjonijiet li huma kif ġej:

- €1,000
- €1,100
- €1,500

3.17.4 Wara konsultazzjoni l-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandna nagħżlu l-kwotazzjoni ta' €1,100 u din se tingħata bħala *direct order*.

3.18 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa tkellem dwar il-mawra f'Għawdex organizzata mill-Kunsill Lokali.

3.18.1 Qal li l-maġġoranza tan-nies li attendew ħadu ħafna gost għaliex din kienet mawra differenti mis-soltu.

3.18.2 Żied li hemm il-ħsieb li ġurnata oħra Għawdex tkun organizzata fix-xahar ta' Diċembru, imma deċiżjoni dwar hekk tittieħed aktar 'il quddiem.

3.19 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud tkellmet dwar l-istħarriġ tas-saħħa li se jsir fil-lokalita'.

3.19.1 Spjegat kif dan għandu jiġi mqassam min-naħa tal-Kunsill Lokali mbagħad jinġabar billi se jkun hemm kaxxa fil-Kunsill Lokali kif ukoll oħra fil-Knisja Parrokjali sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jitfgħu l-istħarriġ fihom.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.19.2 Qalet li dan l-istħarriġ se jkun 100% kunfidenzjali.

## 4. FINANZI

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €18,360.98c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 09/14 u €37.68c skont il-*Petty Cash* Ref R/08.

4.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

4.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniela Farrugia ssekondaw u l-Kunsill qabel *nem. con*.

## 5. AĠĠORNAMENT

5.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:15pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 20 t'Ottubru 2014 fil-5:30pm.

______________________________ ______________________________

**Chris Falzon** **David Schembri**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**